KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

Mozzjoni tal-Oppożizzjoni – 13/11/2019

Din il-Kamra:

1. **TINNOTA** li nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru, 2019 il-Kap tal-Staff tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Keith Schembri waqqa' każ ta' libell li kien fetaħ hu stess kontra l-eks Kap tal-Partit Nazzjonalista u tal-Oppozizzjoni l-Onor Simon Busuttil.

2. **TFAKKAR** li l-libell sar dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-konfront ta' l-istess Keith Schemrbi mid-Deputat Simon Busuttil għamel meta kien il-Kap tal-Oppożizzjoni.

3. **TINNOTA** li Keith Schembri għamel diversi tentattivi kemm nhar it-Tnejn fil-Qorti kif ukoll qabel biex ma jixhidx fil-kawża li fetaħ huwa stess, minkejja stqarrijiet li hu kien se juża dan il-libell sabiex inaddaf ismu.

4. **TFAKKAR** ukoll li Keith Schembri huwa msemmi f'emails li jindikaw biċ-ċar li kien se jirċievi fondi minn kumpanija 17 Black u Mc Bridge tramite kumpaniji sigrieti li l-istess Keith Schembri fetaħ fil-Panama u New Zealand, u li kien l-istess Keith Schemrbi li ametta li 17 Black u Mc Bridge kienu jifformaw parti minn business plan tiegħu.

5. **TINNOTA** li Keith Schembri, minkejja diversi opportunitajiet, inkluż f'din il-kawża, qatt ma ta spjegazzjoni għal għemilu u għal dawn il-fatti inkwetanti, nuqqas li jpoġġi l-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Staff tal-Prim Ministru bħala waħda assolutament mhux tenibbli.

6. **TFAKKAR** li L-Oppożizzjoni nhar it-Tnejn talbet lill-Prim Ministru biex minnufih ikeċċi lil Keith Schembri iżda l-Prim Ministru baqa' jonqos milli jagħmel dan.

7. **ISSOSTNI** li l-aġir tal-Kap tal-Staff tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru mhux biss imur kontra il-Kodiċi ta' Etika għall-impjegati pubbliċi, imma jmur ukoll kontra il-prinċipji u l-istandards li din il-Kamra unanimament stqarret fl-Att dwar l-istandards fil-ħajja pubblika (Att XIII tal-2017), aġir li għalih f'demokrazzija vera hemm responsabilitajiet politiċi li jridu jinġarru.

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

Ghalhekk:

Din il-Kamra tesigi li l-Prim Ministru jerfa' kif dmiru r-responsabilita' politika u minnufih ineħħi lil Keith Schembri Kap tal-Staff tal-Ufficju tiegħu mil-kariga pubblika sensittiva li hu jokkupa f'wieħed mill-għola uffiċċji eżekuttivi tal-Gvern Malti.

L-Oppożizzjoni tinsisti li l-Kamra tiddiskuti din il-mozzjoni b'urgenza.

DR. ADRIAN DELIA LL.D.
KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
F'ISEM IL-GRUPP PARLAMENTARI PARTIT NAZZJONALISTA

DAVID AGIUS
VICI KAP
AFFARIJIET TAL-PARLAMENT

ROBERT CUTAJAR
WHIP OPPOŻIZZJONI